MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2001

Avvi$Z Numru. 307/2001/1

**Avviz numru 307/01 DM**

**Longbow Limited**

**Vs**

**Rene Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba` mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm441.68c) dovuti bhala prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-25 ta’ Jannar 2001 u l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Frar 2001 u bl-

imghax legali mis-17 ta' Mejju 2000 kontra l- konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-kumpanija attrici fil-5 t'Ottubru, 2001 permezz ta' liema rriduca s-sorte ghas-somma ta' tlett mija u wiehed u erbghin liri Maltin u tmienja u sittin centezmi (Lm341.68c).

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti semghet bil-gurament lil Margaret Farrugia "financial controller" tal-kumpanija attrici, u wara li rat ukoll id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm341.68c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Mejju, 2000, u;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------